DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 162779** **05.12.2016**

**ŻJARA STATALI MILL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TAL-KOSOVO HASHIM THAÇI**

***Diskors mill-President ta' Malta Malta Marie-Louise Coleiro Preca waqt iċ-Ċena Statali ad unur il-President tar-Repubblika tal-Kosovo Hashim Thaçi, Il-Palazz, Il-Belt Valletta***

Eċċellenza, President Hashim Thaçi
Onorevoli Prim Ministru,
Eċċellenzi,
Mistiedna Distinti,
Għeżież Ħbieb,

Huwa unur li nilqgħek magħna, Eċċellenza, President Hashim Thaçi, f'Malta għal din iż-Żjara Statali storika.

Il-laqgħa tagħna hija xhieda tal-ħbiberija li teżisti bejn iż-żewġ pajjiżi, f'dan l-istadju meta l-Kosovo, qed jiżviluppa bħala nazzjon rispettat u indipendenti.

Żjarat ta' livell għoli bejn iż-żewġ pajjiżi tagħna qegħdin isiru fuq bażi regolari, u huma xhieda tar-rabtiet bilaterali u politiċi li żammejna matul is-snin.

Kien ta' sodisfazzjon li nżur il-Kosovo fuq Żjara Statali fi Frar ta' din is-sena, u kelli l-pjaċir nilqa' lill-eks President tal-Kosovo fuq żjara ta' ħidma f'Malta f'Marzu.

Waqt il-laqgħat li kelli mal-eks President Atifete Jahjaga iddiskutejna x-xewqa tagħna, bħala żewġ pajjiżi, biex nassiguraw il-ġid sostennibli b'risq il-komunitajiet u s-soċjetajiet rispettivi tagħna.

Ippermettuli nieħu din l-opportunità biex nifraħ lill-eks President, tax-xogħol bla heda, biex tassigura l-*empowerment* tan-nisa fil-Kosovo; għall-isforzi tagħha biex jinħoloq djalogu bejn ir-reliġjonijiet differenti u l-komunitajiet etniċi fil-Kosovo; u għall-pożizzjoni qawwija tagħha kontra l-pjaga tal-vjolenza sesswali waqt il-kunflitt, liema vjolenza għandha riperkussjonijiet devastanti għal eluf ta' individwi u l-familji tagħhom.


3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**

Kull wieħed minn dawn l-eżempji huwa xhieda tal-impenn, li lkoll inħossu b'ħerqa, biex nibnu l-paċi fil-pajjiżi kollha u madwarna.

Ir-relazzjonijiet bejn Malta u r-Repubblika tal-Kosovo jirriflettu dawn il-valuri profondi, imsejsa fuq ix-xewqa  komuni tagħna għall-paċi.

Nemmen bis-sħiħ li rridu nkomplu naħdmu flimkien biex nagħtu prijorità xierqa lil dawk il-kwistjonijiet kollha li jippromwovu l-prosperità u l-ġid tas-soċjetà fil-pajjiżi tagħna.

Għal dan il-għan, irridu nkomplu niċċelebraw id-diversità soċjali u kulturali tagħna, il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili, u t-tisħiħ ta' soċjetà inklussiva u ta' ċittadinanza attiva.

B'hekk, inkunu qed inħarsu l-aktar valuri għeżież fid-demokraziji tagħna.

Ir-rwol tal-Unjoni Ewropea fil-kisba ta' dawn il-valuri huwa ċar. Għalhekk, nifraħ lir-Repubblika tal-Kosovo għall-aspirazzjoni tagħha tal-Unjoni Ewropea u l-għan tagħha biex tikseb integrazzjoni akbar Ewro-Atlantika.

Irridu nkomplu niffukaw fuq il-bini ta' rabtiet aktar sodi, bejn u fost, il-pajjiżi kollha fir-reġjuni varji tal-Ewropa.

Barra minn dan, hekk kif il-Kosovo beda l-programm ekonomiku tiegħu għall-futur, irridu nestendu l-appoġġ tagħna f'dawk l-oqsma ekonomiċi fejn Malta, kisbet u għandha, reputazzjoni internazzjonali ta' eċċellenza.

Dawn jinkludu l-manifattura ta' prodotti avvanzati teknoloġiċi, bħalma huma l-makkinarju elettriku, strumenti ta' preċiżjoni, farmaċewtiċi u apparat mekkaniku.

Fis-settur tas-servizzi, Malta hija magħrufa għal kwalità tajba fl-oqsma tal-finanzi u tal-assigurazzjoni; fl-informatika, fil-komunikazzjoni u fit-teknoloġija; fis-servizzi tal-avjazzjoni u f'dawk marittimi; u fl-edukazzjoni, inkluż it-tagħlim tal-Ingliż bħala lingwa barranija.

Ejjew, mela, ninkoraġġixxu aktar sinerġija bejn il-komunitajiet tan-negozju tal-pajjiżi rispettivi tagħna.

B'hekk ikunu jistgħu jidentifikaw  opportunitajiet għal tkabbir reċiproku b'mod effettiv u effiċjenti.

Jekk irridu naħdmu flimkien irridu niffukaw fuq il-prosperità tas-soċjetajiet tagħna, filwaqt li nassiguraw li jiġu indirizzati l-isfidi li jġibu magħhom il-faqar u l-prekarjat.

Ma nistgħux inħallu ċerti gruppi jew komunitajiet li jaffaċċjaw riskju għoli ta' esklużjoni ekonomika jew soċjali.

Anzi, jeħtieġ li nibnu relazzjonijiet bejn il-komunitajiet tas-soċjetà kollha, għall-benefiċċju ta' kulħadd.

F'dan l-ispirtu, huwa tassew inkoraġġanti li naraw li qed isiru żviluppi fil-qasam tal-edukazzjoni ogħla.

Is-sena l-oħra, id-Direttur tal-Akkademja Diplomatika tar-Repubblika tal-Kosovo iffirma Memorandum ta' Ftehim mal-Akkademja Mediterranja tal-Istudji Diplomatiċi tal-Università ta' Malta, sabiex jippromwovu l-kollaborazzjoni bejn dawn iż-żewġ istituzzjonijiet.

Malta qed tħares 'il quddiem ukoll għall-parteċipazzjoni ta' studenti mill-Kosovo f'korsijiet fl-Istitut tal-Liġi Marittima fi ħdan l-Organizzazzjoni Internazzjonali Marittima li hija bbażata f'Malta.

Dan l-Istitut jipprovdi taħriġ għal professjonisti legali fl-oqsma tal-liġi internazzjonali marittima, li jinkludi l-liġi tal-baħar, il-liġi tal-ambjent tal-baħar, u l-liġi tat-trasport bil-baħar.

Aktar minn hekk, huwa ta' sodisfazzjon li qed isiru sforzi biex inkabbru l-koperazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi tagħna f'għad ta' oqsma oħrajn.

Malta se tkompli tagħti s-sapport għas-sħubija tal-Kosovo fl-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Magħquda għall-Edukazzjoni, Xjenza u Kultura (il-UNESCO) u f'għaqdiet oħra internazzjonali.

Aktar ftehim diretti bejn iż-żewġ pajjiżi, biex inkomplu nibnu fuq il-ftehim bilaterali ffirmat fl-2013, se jiffaċilita aktar kollaborazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma' konsultazzjoni politika, inizjattivi ekonomiċi u qsim soċjo-kulturali, kif ukoll it-taħriġ għal uffiċjali pubbliċi mill-Kosovo dwar proċeduri tal-Unjoni Ewropea.

Huwa permezz ta' sforzi bħal dawn, biex niġġeneraw skambji multidimensjonali, li nistgħu nsaħħu l-ħbiberija li teżisti u li qegħda dejjem tikber bejn il-popli tagħna.

Hekk kif Malta se tkun qed tassumi l-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea kmieni s-sena d-dieħla, ippermettuli ntenni l-impenn tagħna biex ninkoraġġixxu relazzjoni eqreb bejn il-Kosovo u l-Unjoni Ewropea, u r-rieda ta' Malta li tipprovdi l-għajnuna biex jitħaffef dan il-proċess.

Ejjew niftakru li rridu nkunu dejjem iggwidati mill-ideali ta' parteċipazzjoni demokratika, mir-rispett tad-Drittijiet għall-Bniedem, u l-ħarsien tal-liġi .

Dawn huma l-wirt prezzjuż tal-kultura Ewropea tagħna, u huma ta' dawl fil-vjaġġ tagħna fiż-żminijiet ta' inċertezzi li qed ngħixu llum.

Bħala konklużjoni, j'Alla d-deliberazzjonijiet u d-diskussjonijiet tagħna jkunu dejjem bil-għan li nfittxu l-ġid veru, li jista' jħalli impatt pożittiv fit-tul fuq il-familji, il-komunitajiet, is-soċjetajiet tagħna u fil-pajjiżi kollha.

Jiena fiduċjuża li dan l-ispirtu ta' ħbiberija bejn il-popli tagħna se jkompli jikber, u se jrawwem prosperità u paċi sostenibbli fil-pajjiżi tagħna u fir-reġjun tagħna.

Fl-aħħar nett, nistieden lil kulħadd, biex nawguraw saħħa u prosperità lill-Eċċellenza Tiegħu il-President Hashim Thaçi, u lill-popli tal-Kosovo u ta' Malta, u ħbiberija akbar bejn iż-żewġ pajjiżi tagħna.

B'saħħtek, Eċċellenza, u b'saħħet il-popli tagħna.